MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF**
**DAVID SCICLUNA**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH R. MICALLEF**

Seduta tas-17 ta' Jannar, 2008

Numru 17/2003

**Ir-Repubblika ta' Malta**

**v.**

**Antonio Barbara**

Il-Qorti:

Rat l-Att ta’ Akkuza migjub fil-Qorti Kriminali mill-Avukat Generali fis-7 ta’ Lulju 2003 kontra Antonio Barbara li permezz tieghu l-istess Avukat Generali akkuzah talli: (1) forna jew ipprokura jew offra li jforni jew li jipprokura d-droga kokaina lil persuna jew ghal xi persuna bi ksur tal-ligi u b’dan li r-reat kien wiehed kontinwat; (2) xjentement

kellu fil-pussess tieghu l-medicina perikoluza kokaina bi ksur tal-ligi, b'dan li r-reat kien ukoll wiehed kontinwat u l-pussess kien f'cirkostanzi li juru li dak il-pussess ma kienx ghall-uzu esklussiv tieghu; (3) xjentement kellu fil-pussess tieghu l-medicina perikoluza eroina bi ksur tal-ligi, b'dan li r-reat kien ukoll wiehed kontinwat u l-pussess kien f'cirkostanzi li juru li dak il-pussess ma kienx ghall-uzu esklussiv tieghu – u f'kull Kap bl-addebitu tar-recidiva;

Rat is-sentenza tal-Qorti Kriminali tat-30 ta'Gunju 2005 li permezz taghha dik il-Qorti, wara li rat il-verdett tal-gurati li bih b'sitt (6) voti favur u tliet (3) voti kontra sabu lill-appellant (allura akkuzat) hati ta' l-Ewwel u tat-Tieni Kapi ta' l-Att ta' Akkuza u unanimament sabuh mhux hati skond it-Tielet Kap ta' l-Att ta' Akkuza izda hati ta' pussess xjenti tad-droga eroina minghajr il-kwalifika li dan il-pussess kien wiehed taht cirkostanzi tali li juru li ma kienx ghall-uzu esklussiv tieghu u b'dan li r-reat ma kienx wiehed kontinwat, u wara li rat il-verbal tad-difiza li bih iddikjarat li l-akkuzat ma kienx qed jikkontesta l-addebitu tar-recidiva fir-rigward tat-tliet kapi ta' l-Att ta' l-Akkuza, kif ukoll wara li rat il-verdett ulterjuri tal-gurati li bih unanimament sabu lill-appellant hati tar-recidiva peress illi b'sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) ta' l-4 ta' Settembru 1997 huwa kien instab u ddikjarat hati tad-delitt ta' pussess ta' eroina u dana ghall-fini ta' l-Ewwel Kap., tat-Tieni Kap. u tat-Tielet Kap. ta' l-Att ta' l-Akkuza, iddikjarat lill-imsemmi Antonio Barbara: (1) hati talli f'Malta matul iz-zmien bejn il-bidu tas-sena elf disa' mija sebgha u disghin (1997) u l-hamsa u ghoxrin (25) ta' Awissu tas-sena elfejn (2000), forna jew ipprokura jew offra li jforni jew jipprokura d-droga kokajina specifikata fl-Ewwel Skeda Taqsima I tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, minghajr l-awtorizzazzjonijiet, licenzji w/jew permessi rikjesti bil-ligi, b'dan li dar-reat kien wiehed kontinwat u b'dan ukoll li l-hati kien recidiv b'sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tal-4 ta' Settembru 1997, u dan skond l-Ewwel Kap ta' l-Att ta' l-Akkuza; (2) hati ukoll talli f'Malta, fil-25 ta' Awissu 2000 u ghal aktar minn tliet snin qabel, xjentement kellu fil-pussess tieghu l-medicina perikoluza kokajina specifikata taht l-Ewwel Skeda, Taqsima I tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta minghajr l-

awtorizzazzjonijiet, permessi jew licenzji mehtiega bil-ligi, b’dan li l-pussess kien wiehed taht tali cirkostanzi li juru li dak il-pussess ma kienx ghall-uzu esklussiv tieghu u b’dan li r-reat kien wiehed kontinwat u b’dan ukoll li l-hati kien recidiv b’sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali tal-4 ta’ Settembru 1997 u dan skond it-Tieni Kap ta’ l-Att ta’ l-Akkuza; (3) mhux hati skond it-Tielet Kap ta’ l-Att ta’ l-Akkuza izda hati talli f’San Giljan u bnadi ohra f’Malta, fil-25 ta’ Awwissu 2000, xjentement kellu fil-pussess tieghu l-medicina perikoluza eroina specifikata taht l-Ewwel Skeda, Taqsima I tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta’ Malta minghajr l-awtorizzazzjonijiet, permessi jew licenzji mehtiega bil-ligi, izda minghajr il-kwalifika li dan il-pussess kien wiehed taht tali cirkostanzi li juru li dak il-pussess ma kienx ghall-uzu esklussiv tieghu u b’dan li r-reat ma kienx wiehed kontinwat u b’dan ukoll li l-hati kien recidiv b’sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali tal-4 ta’ Settembru 1997, u kkundannat lill-imsemmi Antonio Barbara ghall-piena ta’ tmintax-il sena prigunerija li minnhom ghandu jitnaqqas il-perijodu kollu li l-appellant qatta’ taht arrest preventiv in konnessjoni biss ma’ dan il-kaz u ghall-hlas ta’ multa ta’ tmintax-il elf liri Maltin (Lm18,000), liema multa fuq talba ta’ l-Avukat Generali ghandha titqies bhala dejn civili, kif ukoll ordnatlu li jhallas lir-Registratur tal-Qrati s-somma ta’ tliet mija u sitta u sebghin liri Maltin u hamsa u sebghin centezmu (Lm376.75) rapprezentanti l-ispejjez kollha tal-perizji inkorsi tul il-kumpilazzjoni u dan bl-applikazzjoni ta’ l-artikolu 533 tal-Kodici Kriminali. Ordnat ukoll il-konfiska favur il-Gvern ta’ Malta tal-oggetti kollha li dwarhom sar ir-reat u l-konfiska favur il-Gvern ta’ Malta ta’ kull flejjes jew proprjeta` mobbli u mmobbli ohra tal-hati anki jekk dawk il-flejjes u proprjeta` jkunu ghaddew ghand terzi persuni u anki jekk l-imsemmija flejjes, proprjeta` mobbli jew proprjeta` mmobbli jkunu qeghdin f’xi post barra minn Malta, kif ukoll id-distruzzjoni tal-istess droga kollha esebita f’dan il-process a kura tad-Deputat Registratur ta’ dik il-Qorti bl-assistenza tal-Ispizjar Mario Mifsud, sakemm fi zmien hmistax-il jum mid-data tas-sentenza l-Avukat Generali b’nota ma jinfurmax lil dik il-Qorti li ghandu bzonn li din id-droga tigi prezervata ghal skop ta’ xi

proceduri ohra kontra terzi u b'dan li l-istess Deputat Registratur ghandu jirrapporta b'verbal lil dik il-Qorti meta din id-droga tkun giet hekk distrutta. Dik il-Qorti waslet ghas-sentenza taghha wara li rat il-fedina penali aggornata tal-hati u semghet it-trattazzjoni dwar il-piena maghmula mill-Avukat difensur Dottor Jason Azzopardi u s-sottomissjonijiet tal-prosekuzzjoni maghmula mill-Avukat tar-Repubblika Anzjan, Dottor Stephen Tonna Lowell, u wara li kkunsidrat is-segwenti:

"Hadet in konsiderazzjoni s-sottomissjonijiet **kollha** tad-difiza dwar il-piena (li jinsabu registrati) u inkluzi - izda mhux biss - is-segwenti w cioe` :-

1. li mill-verdett jidher li terz tal-gurati ma emmnux il-versjoni tax-xhieda ewlenin tal-prosekuzzjoni w li dan kien l-inqas wiehed possibbli bil-ligi;
2. l-eta` tal-hati li llum ghandu 28 sena u li meta kkommetta uhud mir-reati kellu biss ghoxrin (20) sena;
3. li t-tieni kap kellu jigi assorbit fl-ewwel kap skond l-artikolu 17(h) tal-Kodici Kriminali;
4. li z-zieda fil-piena minhabba r-recidiva hija wahda diskrezzjonali f'idejn il-Qorti u li s-sentenza li fuqha kien bazat dan l-addebitu kienet tirrigwarda biss pussess semplici ta' herojina f'Lulju, 1996;
5. li l-hati hu *drug addict* u ghadu jiehu l-methadone fid-DETOX Center sal-lum;
6. li ghandu jinzamm proporzjon bejn il-piena li ghandha tinghata lill-hati u dik ta' ghaxar xhur prigunerija li kienet inghatat lill-komplici tieghu Lawrence Micallef;
7. li l-hati kien gharus u jghix mal-genituri tieghu anzjani w huh immankat, u li kien l-uniku wens li dawn il-persuni kellhom;
8. it-trapass taz-zmien sostanzjali li ghadda bejn il-kommissjoni tar-reati u l-kundanna;

"Hadet in konsiderazzjoni s-sottomissjonijiet tal-Prosekuzzjoni li ddikjarat li hi taqbel ma certi sottomisjonijiet tad-difiza w senjatament li l-hati ghadu *addicted* ghad-droga w li t-tieni kap jista' jitqies bhala assorbit fl-ewwel kap ghal fini tal-piena. Pero` Lawrence Micallef ma setax jitqies bhala komplici tal-hati skond il-ligi

ghax ir-reat li tieghu nstab hati Micallef ma kellu x'jaqsam xejn mar-reati li taghhom instab hati Antonio Barbara.

"Ikkonsidrat:

"Illi skond l-artikolu 22(2)(a)(i) tal-Kap.101, il-piena ghall-htija riskontrata taht l-ewwel u t-tieni kap tal-att ta' l-akkuza hija dik ta' prigunerija ghall-ghomor, izda, skond il-proviso (aa) tal-istess sub-inciz, meta l-Qorti tkun tal-fehma li, meta tqis l-eta` tal-hati, il-kondotta ta' qabel tal-hati, il-kwantita` tal-medicina w x-xorta w l-kwantita` tat-taghmir jew materjali, jekk ikun il-kaz, involuti fir-reat, u c-cirkostanzi l-ohra tar-reat, il-piena ta' prigunerija ghall-ghomor ma tkunx dik xierqa, jew meta l-verdett tal-guri ma jkunx unanimu (proviso (bb)), il-Qorti **tista**' tikkundanna lill-persuna misjuba hatja ghall-piena ta' prigunerija ghal zmien ta' mhux inqas minn erba' snin izda mhux izjed minn tletin sena u multa ta' mhux inqas minn elf lira izda mhux izjed minn hamsin elf lira. Fil-kaz in ezami, anki jekk il-Qorti kellha tapplika din id-diskrezzjoni favur il-hati, minhabba r-reat kontinwat fejn il-piena tista' tizdied bi grad jew zewg gradi skond l-artikolu 18 u minhabba r-recidiva, fejn ukoll skond l-artikolu 50 il-piena tista' terga' tizdied bi grad iehor, il-piena massima li tista' tinghata hija dik ta' ghomor il-habs fil-waqt li dik minima hija dik ta' erba' snin prigunerija u dan apparti l-multi fuq imsemmija.

"Illi imbaghad skond l-artikolu 22(2)(a (ii) tal-Kap.101, il-piena ghall-htija riskontrata fit-tielet kap u cioe` dik ta' pussess semplici tad-droga herojina minghajr il-kwalifika li dan il-pussess kien taht cirkostanzi tali li jindikaw li dak il-pussess ma kienx ghall-uzu esklussiv tal-hati, pero` ukoll bl-addebitu tar-recidiva, hija dik ta' prgunerija ghal zmien ta' mhux inqas minn tnax il-xahar izda b'massimu li minn wiehed ta' ghaxar snin jista' - skond l-artikolu 31(1)(b)(iii) u (iv) - jitla sa' wiehed ta' tnax il-sena w multa ta' mhux inqas minn mitejn lira izda mhux izjed minn ghaxart elef lira.

"Anki jekk wiehed iqis li r-reat kontemplat fit-tieni kap ta' l-att tal-akkuza serva bhala mezz biex isir ir-reat taht l-ewwel kap ta' l-att tal-akkuza – kif fil-fatt qed tqisu din il-

Qorti – w għalhekk għandha tingħata l-piena għar-reat l-aktar gravi, skond l-artikolu 17(h) tal-Kap.9, jiġifieri f'dan il-kaz piena waħda, jibqa' fatt li bl-applikazzjoni tal-principju tal-konkors tal-pieni kontemplat fl-artikolu 17(b) tal-Kodici Kriminali, il-piena karcerarja massima li tista' tigi applikata fil-konfront tal-hati tkun dik ta' prigunerija ghal ghomru biz-zieda tar-rekluzjoni.

"Hu ghalhekk f'dawn il-parametri esageratament wesghin li trid tiddeciedi x'piena ghandha tigi erogata lill-hati din il-Qorti.

"Illi l-Qorti qieset favur il-hati li l-verdett ta' htija fuq l-ewwel zewg kapi ma kienx unanimu izda l-inqas wiehed possibbli bil-ligi, l-eta` tenera tal-hati fil-periodu meta kienu bdew jitwettqu r-reati kontinwati ta' traffikar tad-droga kokajina u tista' tifhem li hu kien x'aktarx li nqabad f'morsa fejn, minhabba li kien ivvizzjat bid-droga, kellu, biex jiffinanzja l-vizzju tieghu, jidhol biex hu stess jispaccja d-droga b'mod li ta' eta` zghira ta bidu ghal sensiela ta' attivitajiet li rrovinawlu hajtu, tant li ghadu dipendenti fuq id-droga sal-lum. Qieset ukoll il-kondizzjonijiet familjari tieghu li ssemmew mid-difiza.

"Izda fil-waqt li hadet in konsiderazzjoni dawn il-fatturi kollha fuq imsemmija favur l-akkuzat, il-Qorti mill-banda l-ohra, ma tistax tinjora l-fatt li b'eghmilu l-hati, li hu recidiv, kien qed ixerred il-qerda fost persuni ohra, b'mod li kien qed jghin biex ikompli jgib rovina f'socjeta` li kull ma jmur aktar qed tinhakem bil-mewga qerrieda tad-droga. Il-kwantita` tad-droga kokajina li l-hati rrizulta li kien qed iforni regolarment fuq perijodu ta' zmien u bi frekwenza u volum mhux zghir lil Lawrence Micallef kienet wahda sostanzjali.

"Dwar xi divergenza li jista' jkun hemm bejn il-piena li giet erogata lil Lawrence Micallef u dik li ser tigi erogata lill-hati, jibda biex jintqal fl-ewwel lok li r-reati li taghhom kien instab hati Micallef u dawk li nstab hati taghhom il-hati mhumiex l-istess u ghalhekk proprjament u strettament ma jistax jintqal li dawn iz-zewg persuni kienu komplici u

kompartecipi fl-istess reati u li wiehed wehel mod u l-iehor ser jehel aktar minnu ghall-istess haga.

"Din il-Qorti hija konxja mid-diskrepanzi li jistghu jinholqu meta l-Avukat Generali juza d-diskrezzjoni li tatih il-Ligi li jakkuza persuni quddiem Qrati differenti anki fejn ikunu mixlija li kkommettew l-istess tip jew xorta ta' reati u fil-waqt li tifhem ir-raguni ghala l-legislatur seta' kkonferixxa din id-diskrezzjoni fuq l-Avukat Generali, tara li l-uzu taghha jista' jaghti lok ghal-lanjanzi ta' sproporzjon fil-pieni f'certi kazijiet minn persuni li jkunu involuti fl-istess attivita` kriminali u li jigu akkuzati quddiem Qrati b'kompetenzi u b'parametri ta' pieni differenti. Pero` din hija problema li trid tigi ndirizzata mil-legislatura ghax il-Qrati jistghu biss japplikaw il-ligi kif inhi u li proprju tohloq parametri fil-pieni ghal kollox differenti li ghandhom jigu applikati minn din il-Qorti ghad-distinzjoni mill-Qrati tal-Magistrati.

"Kif irriteniet il-Qorti tal-Appell Kriminali (kolleggjali) fis-sentenza taghha fil-kawza **"Ir-Repubblika ta' Malta vs. Godfrey Ellul"** [17.3.2005], fejn giet indirizzata lanjanza simili, "*dwar id-divergenza bejn il-piena li nghatat lil (omissis) u dik li nghatat lill-appellant, <u>divergenza li xorta ser tibqa'</u> ftit hemm xi tghid. Il-Qorti tal-Magistrati meta kienet qed tittratta l-kaz ta' (omissis), fid-diskrezzjoni taghha, deherilha li l-piena gusta fil-konfront ta' (omissis) kienet dik li fil-fatt infliggiet u <u>l-parametri tal-piena applikabbli mill-Qorti tal-Magistrati huma hafna inqas minn dawk quddiem il-Qorti Kriminali</u>."* (sottolinear ta' din il-Qorti).

"Illi s-sottomissjoni dwar it-trapass taz-zmien f'dan il-kaz ukoll ma jidhirx li hija fondata. Il-hati gie akkuzat biss jumejn wara li nqabad fil-fatt fil-pussess tad-droga kokajina w herojina fuqu w kien hawn li l-Prosekuzzjoni hasset li setghet ukoll takkuzah b'reati precedenti fejn kellha sa dak iz-zmien biss id-dikjarazzjoni guramentata ta' persuna ohra. Il-kumpilazzjoni tmexxiet bl-istess mod li jimxu kumpilazzjonijiet ohra u l-att ta' l-akkuza gie prezentat wara ftit inqas minn tliet snin mill-kommissjoni tal-ahhar reati meta nqabad fil-fatt. Il-hati deherlu, kif kellu dritt li jaghmel, li jintavola tliet eccezzjonijiet preliminari.

Minn dawn irtira tnejn fl-ewwel appuntament ghas-smiegh tal-istess eccezzjonijiet appena tliet xhur wara li gie prezentat l-att ta' l-akkuza. L-unika eccezzjoni preliminari rimanenti tieghu giet deciza kontra tieghu inqas minn tliet xhur wara w cioe` fil-5 ta' Jannar, 2004 izda hu hass li kellu jappella minn din is-sentenza ta' din il-Qorti. Meta mbaghad l-appell tieghu gie appuntat ghas-smiegh ghas-26 ta' Ottubru, 2004, dak in-nhar hu, **bla ma ta ebda raguni, rtira l-appell**. B'hekk fuq it-tliet eccezzjonijiet preliminari li kollha gew irtirati fi stadju jew iehor mill-hati, gie li **nhlew inutilment** aktar minn sena w tliet xhur mill-ftit inqas minn sentejn li l-att ta' l-akkuza ilu pendenti quddiem din il-Qorti u dan id-dewmien ma jistax hlief jigi attribwit ghad-"**delaying tactics**" tal-hati. Ghalhekk f'dawn ic-cirkostanzi l-hati zgur li ma jistax jilmenta minn xi trapass ta' zmien esagerat li seta' ppregudikah."

Rat ir-rikors ta' appell ta' l-imsemmi Antonio Barbara pprezentat fl-20 ta' Lulju 2005 fejn talab li din il-Qorti tikkonferma l-verdett tal-gurija tad-29 ta' Gunju 2005 fejn dawn unanimament sabuh mhux hati tat-Tielet Kap ta' l-Att ta' l-Akkuza u tas-sentenza tal-Qorti Kriminali tat-30 ta' Gunju fejn iddikjaratu mhux hati tat-Tielet Kap ta' l-Att ta' l-Akkuza, u tikkonferma wkoll fejn il-gurati sabuh hati ta' pussess ta' eroina minghajr l-aggravanti li t-tali pussess ma kienx ghall-uzu esklussiv tal-hati, u s-sentenza tal-Qorti Kriminali fejn iddikjaratu hati ta' pussess semplici ta' eroina minghajr it-tali aggravanti; u thassar u tirrevoka l-verdett tal-gurija tad-29 ta' Gunju 2005 fejn dawn b'sitt voti kontra tlieta sabuh hati ta' l-Ewwel u t-Tieni Kap ta' l-Att ta' l-Akkuza, u ta' dik il-parti tas-sentenza tal-Qorti Kriminali fejn iddikjaratu hati ta' l-Ewwel u t-tieni Kap ta' l-Att ta' l-Akkuza bl-assorbiment tat-Tieni Kap fl-Ewwel wiehed, u minnhom tilliberah u/jew tvarja l-piena nflitta fuqu bis-sentenza appellata;

Rat l-atti l-ohra tal-kawza;

Fuq talba tad-difiza mhux opposta mill-prosekuzzjoni, semghet ix-xiehda tas-Supt. Neil Harrison;

Semghet it-trattazzjoni;

Ikkunsidrat:

L-aggravji ta' l-appellant huma s-segwenti: (1) li l-gurija ma setghetx ragjonevolment issib htija kontra tieghu; (2) li l-indirizz ta' l-Imhallef li ppresjeda l-guri kien proceduralment skorrett b'tali mod li kellu effett fuq il-verdett tal-gurija u dan peress illi kien zbilancat wisq a favur tal-prosekuzzjoni u peress illi kien hemm ukoll enuncjazzjoni tad-dritt erroneja; (3) il-piena fic-cirkostanzi kienet wahda eccessiva.

Din il-Qorti sejra l-ewwel tittratta t-tieni aggravju. Hawn l-appellant ghandu bazikament zewg ilmenti: (1) li l-Imhallef li ppresjeda l-guri jmissu interpreta l-artikolu 30 tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta b'mod restrittiv fis-sens li l-imsemmi artikolu ghandu jiftiehem bhala qieghed jirreferi biss ghall-*"user"* li se jixhed kontra min fornielu d-droga, u f'dan il-kaz Lawrence Micallef ghandu jitqies bhala l-komplici ta' l-appellant fl-ispaccjar tad-droga; u (2) li l-indirizz ta' l-Imhallef li ppresjeda l-guri kien zbilancjat favur il-prosekuzzjoni.

Issa, l-artikolu 30 tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta jipprovdi testwalment hekk:

**"Minkejja d-disposizzjonijiet tas-subartikolu (3) ta' l-artikolu 639 tal-Kodici Kriminali meta persuna tkun xtrat jew xort'ohra kisbet jew akkwistat medicina bi ksur tad-disposizzjonijiet ta' din l-Ordinanza, ix-xiehda ta' dik il-persuna fi procedimenti kontra l-persuna li minghandha tkun xtrat, kisbet jew akkwistat il-medicina, m'ghandhiex ghalfejn tkun korroborata b'cirkostanzi ohra."**

L-appellant isostni li dan l-artikolu ghandu jigi interpretat b'mod restrittiv, anki minhabba li jmur kontra n-normi generali tad-dritt kriminali. Jghid li jemmen li din id-disposizzjoni tirreferi ghall-*"user"*, li mill-assjem tal-provi l-figura ta' Lawrence Micallef ma temergix bhala semplici *"user"* li xtara d-droga minghand l-appellant ghall-uzu tieghu, tant li l-imsemmi Micallef instab hati ta' traffikar

tad-droga eroina b'sentenza tal-Qorti tal-Magistrati ta' l-24 ta' Lulju 2002.

Fil-fehma ta' din il-Qorti l-appellant m'ghandux ragun. Id-disposizzjoni msemmija tal-ligi ma taghmel l-ebda distinzjoni bejn persuna li tkun akkwistat id-droga unikament ghall-uzu personali taghha, persuna li tkun akkwistatha in parti ghall-uzu personali taghha u in parti biex traffikaha, u persuna li takkwista d-droga biex tittraffikaha. *Ubi lex non distinguit nec nos distinguere debemus*. Ghalhekk, kienet x'kienet il-figura ta' Lawrence Micallef, jekk huwa akkwista droga minghand l-appellant, ix-xiehda tieghu ma tirrikjedix il-korroborazzjoni li normalment kienet[1] rikjesta fil-kaz tad-deposizzjoni tal-komplici. Dan naturalment jitfa' responsabbilta` kbira fuq il-Qorti jew, fil-kaz ta' guri, fuq il-gurati, li jezaminaw sew u bid-dettal id-deposizzjoni ta' tali xhud u ta' xiehda u provi ohra biex jaraw jekk ghandux jitwemmen, u jekk jitwemmen m'hemm l-ebda htiega ta' korroborazzjoni. Imbaghad, kif intqal fis-sentenza ta' din il-Qorti (Sede Inferjuri) fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Johann Zammit** moghtija fit-18 ta' Jannar 2001, il-fatt li xhud ikun riluttanti jew ibiddel il-verzjoni tieghu **"ma jfissirx necessarjament li dak ix-xhud m'ghandux jigi emmnut, ghax altrimenti jigi vanifikat l-iskop kollu tal-Artikolu 522 tal-Kodici Kriminali. Ifisser, pero`, li l-gudikant ghandu jiehu dana l-fatt in konsiderazzjoni flimkien mac-cirkostanzi l-ohra kollha indikati fl-Artikolu 637 tal-imsemmi Kap. 9 biex jiddeciedi finalment x'ghandu jemmen jew ma jemminx."**

---

[1] Is-subartikolu (3) ta' l-artikolu 639 tal-Kodici Kriminali kien jipprovdi hekk meta gie ccelebrat il-guri: **"Meta x-xhud wahdani kontra l-akkuzat b'xi procediment ghal xi reat li ma jkunx wiehed minn dawk imsemmija fl-artikoli 112 sa 118, 120, 121, 124 sa 126 u 138, ikun il-komplici, u x-xiehda tieghu ma tkunx bizzejjed korroborata b'cirkostanzi ohra, ix-xiehda ta' dan ix-xhud wahdu ma tkunx bizzejjed biex l-akkuzat jigi misjub hati."** Bis-sahha ta' l-Att XVI tas-sena 2006, l-imsemmi subartikolu gie sostitwit u llum jaqra kif gej: **"Meta l-uniku xhud kontra l-akkuzat dwar xi reat fi process li jinstema' quddiem il-gurati tkun persuna komplici, il-Qorti ghandha taghti direttiva lill-gurati biex jiznu x-xiehda li dak ix-xhud jaghti b'kawtela qabel ma jserrhu fuqha u jaslu biex isibu hati lill-akkuzat."**

Fl-indirizz tieghu, l-Imhallef li ppresjeda l-guri qal hekk fir-rigward ta’ dak li jipprovdi l-artikolu 30 tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta’ Malta:

“Issa fil-kaz tad-droga, ta’ traffikar, tar-reat ta’ traffikar skond l-Ewwel Kap … il-ligi tghidlek illi … meta persuna tkun xtrat jew xort’ohra kisbet jew akkwistat, mela m’hemmx ghalfejn bil-flus, anke b’xejn, medicina, medicina projbita … ix-xiehda ta’ dik il-persuna f’kawza kontra l-persuna minghand min tkun xtrat jew kisbet jew akkwistat m’ghandhiex ghalfejn tkun korroborata b’cirkostanza ohra.

“X’ifisser dan? Ma jfissirx li dik ix-xiehda naturalment tridu tibilghuha qisha l-vangelu, ghax tridu tqisuha bhal kull xhud iehor bir-regoli li issa ser niddiskutu minn hawn u xi zewg minuti ohra. Pero` jekk temmnuha dik ix-xiehda, alavolja hija ta’ komplici li xtara minghandu, jew akkwista minghandu, fuq dik biss tistghu tehduha bhala prova ammissibbli minghajr il-bzonn li tkun korroborata, la minn xhud iehor u l-anqas minn xi cirkostanza ohra indipendenti. Din hija ligi specjali tad-droga li intom nahseb taslu biex tifhmu ghaliex il-legislatur ghamel din id-disposizzjoni fil-ligi taghna.

“S’intendi naturalment dan jitfa’ mbaghad piz u responsabbilta` fuq min qed jiggudika, f’dan il-kaz intom li tiflu dik ix-xiehda bir-reqqa, kif tridu tiflu pero` x-xiehda kollha, biex taraw dik ix-xiehda ghandhiex titwemmen kollha, in parti jew ma titwemmen xejn. Mhux aktar minn xiehda ohra tridu tevalwawha, imma daqs xhud iehor, ghax daka huwa xhud bhal ohrajn, la aktar u l-anqas anqas, u dik hi l-ligi. Fuq dan il-punt tridu toqoghdu attenti, mhux aktar, m’hemmx passatur aktar fin, ghax intom kull xhud tridu tghadduh mill-passatur fin, m’hemmx xhieda li nghadduh mill-passatur il-wiesa’ u xhieda li nghadduh mill-passatur irqiq. Kull xhud biex tara temmnux jew le trid tghaddih mill-passatur il-fin. U bl-istess attenzjoni li taghtu biex tghaddu u tezaminaw jekk hux veritjer xhud jew le, l-istess tridu taghmlu fil-kaz tal-komplici u fil-kaz tad-droga – l-attenzjoni, taraw kull ma smajtu mill-avukati taz-zewg

partijiet, ghandekx temmnu, m'ghandekx temmnu, ghaliex m'ghandekx temmnu, ghaliex ghandek temmnu, imbaghad tiddeciedi. Jekk temmnu m'ghandekx ghalfejn ikollu korroborazzjoni biex inti tista' tasal ghal verdett ta' htija. Jekk ma temmnux s'intendi ma tkunx emmintu."[2]

Din l-ispjegazzjoni li ta l-Imhallef li ppresjeda l-guri hi perfettament korretta u kwindi l-ilment ta' l-appellant fir-rigward huwa infondat.

Dwar l-ilment ta' l-appellant li l-indirizz ta' l-Imhallef li ppresjeda l-guri kien zbilancjat favur it-tezi tal-prosekuzzjoni, fir-rikors ta' appell tieghu l-appellant jghid illi fl-indirizz ma jissemma xejn dwar sottomissjoni importanti tad-difiza dwar l-inverosimiljanza tat-transazzjoni tal-BMW minhabba l-komputazzjoni matematika, kif l-anqas ma jissemma xejn dwar l-inkonsistenzi grossolani tax-xhud Lawrence Micallef li d-difiza rreferiet ghalihom b'mod ezawrjenti. Mill-banda l-ohra, jghid l-appellant, l-Imhallef li ppresjeda l-guri ghamel accenn dettaljat u ezawrjenti ghal dak li ddepona l-imsemmi Lawrence Micallef. L-appellant pprezenta wkoll nota fejn indika diversi brani, sew matul il-process u sew fl-indirizz, li fil-fehma tieghu juru fejn l-Imhallef li ppresjeda l-guri kien pregudikat favur il-prosekuzzjoni u/jew kontra d-difiza.

Issa, kull indirizz irid ikun bilancjat, u l-kaz tad-difiza ghandu jigi pprezentat b'mod adegwat. Rosemary Pattenden, fil-ktieb taghha **Judicial Discretion and Criminal Litigation** (OUP 1990), tghid:

"Whatever mode of summing-up the judge employs he must ensure that the defence is outlined fairly. How this is done is governed by open-ended rules. The judge must put the 'substance' of the defence, however weak, save where the accused has failed to discharge an evidential burden. '[T]hat does not mean to say he is to paint in the details or to comment on every argument which has been used or to remind them of the whole of the evidence

---

[2] Pagni 7 u 8 tat-traskrizzjoni ta' l-indirizz.

which has been given…' (per Goddard LCJ, *Clayton-Wright* (1948) 33 Cr App R 22 p. 29). As the New Zealand Court of Appeal stressed in *R. v. Ryan* (per Richmond J., [1973] 2 NZLR 611 at p. 615): *'Each case obviously must be judged having regard to its own particular facts. In some cases it may be sufficient for the Judge to refer in the most general terms to the issues raised by the defence, but in others it may be necessary for him not merely to point out in broad terms what the defence is but to refer to the salient facts and especially those upon which the accused based his defence. Again, an election by the Judge to embark on a discussion of the evidence and inferences therefrom which are favourable to the Crown may throw upon him the duty of making some reference to any important features of the case which militate against those inferences'.*

**"The summing-up, in other words, should look balanced, and any defence which is not merely fanciful or speculative, particularly in a homicide trial, must be put to the jury…The Judge can, of course, comment adversely on an unconvincing defence…" (pp. 178-180).**

U f'**Blackstone's Criminal Practice 2004 (para. D16.16, p.1484)** naqraw:

**"Provided he emphasises that the jury are entitled to ignore his opinions, the judge may comment on the evidence in a way which indicates his own views. Convictions have been upheld notwithstanding robust comments to the detriment of the defence case (e.g. *O'Donnell* (1917) 12 Cr App R 219, in which it was held that the judge was within his rights to tell the jury that the accused's story was a 'remarkable one' and contrary to previous statements that he had made). However, the judge must not be so critical as to effectively withdraw the issue of guilt or innocence from the jury (*Canny* (1945) 30 Cr App R 143, in which a conviction was quashed because the judge repeatedly told the jury that the defence case was absurd and that there was no foundation for defence**

**allegations against the prosecution witnesses). It is the judge's duty to state matters 'clearly, impartially and logically', and not to indulge in inappropriate sarcasm or extravagant comment (*Berrada* (1989) 91 Cr App R 131).”**

Din il-Qorti fliet bir-reqqa l-indirizz ta' l-Onorevoli Imhallef li ppresjeda l-guri u tista' tafferma li ma rriskontrat l-ebda element ta' “bias” jew ta' “unfairness” f'dan l-indirizz. Huwa indirizz car, imparzjali u logiku. Huwa enfasizza mill-bidu nett li fuq il-fatti l-gurati huma sovrani. Qal: *“mela kull ma stajt ghidt jien fuq il-fatti waqt il-guri, waqt li qed nisimghu x-xhieda, xi domandi li stajt ghamilt lil xi xhieda, xi osservazzjonijiet li stajt ghamilt waqt li qed nidderigi l-guri u anke jekk insemmi issa xi xhieda hawn u nghid x'qalu u ma qalux, dak ma jorbotkomx bl-ebda mod. Is-**say** hija taghkom u taghkom biss.”*[3] U meta kien ser jghaddi in rassenja dak li qalu x-xhieda, l-Imhallef li ppresjeda l-guri ppremetta illi peress illi l-guri ma kienx dam u l-provi ngabru f'jumejn, u jghid x'jghid fuq il-fatti ma jorbotx lill-gurati u ma jiswa xejn, *“ser nipprova nghid mill-anqas”*.[4] U hekk fil-fatt ghamel peress illi ta biss succint ta' dak li kienu qalu x-xhieda, <u>inkluz</u> Lawrence Micallef. U fir-rigward ta' dan Micallef, l-Imhallef li ppresjeda l-guri halla ghal kollox f'idejn il-gurati jekk jemmnuhx jew le[5], irrefera ghall-kwistjoni tal-karozza[6], bhalma rrefera wkoll ghal-linja tad-difiza li l-istess Micallef u certa Imle mhumiex kredibbli. Huwa veru li l-Imhallef li ppresjeda l-guri ma qaghadx jelenka l-argumenti kollha li gabet id-difiza[7] – bhalma del resto ma qaghadx jelenka l-argumenti kollha tal-prosekuzzjoni – izda dan ma kienx obbligat li jaghmlu. M'hemm l-ebda dubju li l-Imhallef li ppresjeda l-guri, bil-mod kif indirizza lill-gurati, ottempera ruhu <u>pjenament</u> ma' dak li jiddisponi l-artikolu 465 tal-Kodici Kriminali.

---

[3] Pagna 2 tat-traskrizzjoni ta' l-indirizz.
[4] Pagna 38 *ibidem*.
[5] Pagni 24 u 25 *ibidem*.
[6] Pagna 43 *ibidem*.
[7] Pagna 36 *ibidem*: *“... ghamlu hafna argumenti u ragunijiet u sottomissjonijiet li tiftakruhom zgur, jiena m'hemmx ghalfejn nidhol fihom hawn ghax intom tiftakruhom, pero` obbligat biss nghidilkom x'inhi l-linja ta' difiza b'mod generali ....”*

Kwantu ghar-referenzi li l-appellant ghamel fin-nota tieghu ghal xi sitwazzjonijiet matul il-guri fejn l-Imhallef li ppresjeda l-guri allegatament wera pregudizzju kontra d-difiza, din il-Qorti, wara li ezaminat il-brani relevanti, tistqarr li dan assolutament ma jirrizultax. Ibda biex il-Qorti Kriminali ghandha fost is-setghat taghha dawk: **"(a) li zzomm il-bon-ordni tas-seduta; (b) li triegi s-smigh tal-kawza; (c) li taghmel, f'dak kollu li mhux projbit jew mhux ordnat mil-ligi taht piena ta' nullita`, kull ma jidhrilha, fid-diskrezzjoni taghha, li hu mehtieg ghat-tikxif tal-verita`"[8].** Hekk l-ewwel Qorti kellha kull dritt li zzomm milli jitkompla konfront mas-Supt. Harrison dwar l-okkazjoni ta' l-arrest ta' Lawrence Micallef meta rrizulta minn dan ix-xhud stess li ma kienx prezenti ghall-arrest ta' Micallef. Inoltre xi kummenti jew osservazzjonijiet ohra li setghet ghamlet l-ewwel Qorti u li ghalihom rrefera l-appellant b'ebda mod ma juru xi forma ta' pregudizzju kontra d-difiza.

Dwar il-kondotta ta' l-Imhallef li jkun qieghed jippresjedi guri, Rosemary Pattenden, fil-ktieb taghha **Judicial Discretion and Criminal Litigation** (OUP 1990), tghid[9]:

**"The English criminal trial is adversarial, which means that the parties determine the evidence to be called and the manner and timing of its presentation. The self-interest of the parties, so the theory goes, will ensure that all issues of law and fact are thoroughly aired. If taken to its logical conclusion this principle reduces the role of the judge to that of an umpire – someone whose job it is to see that the rules are obeyed but who takes no direct part. But theory and practice do not entirely coalesce and criminal judges are not, as the Supreme Court of Canada once put it, 'sphinx judges'. A trial is more than a contest between two parties. There is a public interest in seeing that justice is done and since the parties may be unevenly matched the judge may have to involve himself in the trial to ensure that the truth emerges.**

[8] Art. 436(3) tal-Kap. 9
[9] F'pagna 98.

**So long as he acts fairly and preserves an appearance of impartiality he will not be criticized for taking a relatively active stance.**

**“One of the ways in which the judge may participate in the trial is by questioning witnesses. This is an example *par excellence* of the exercise of discretion during a criminal trial … in *R. v. Evans* Lord Justice Scarman affirmed that although ‘our system is accusatorial and it is not the part of a Judge to run the case for the Crown or to run the case for the defence but to keep himself apart from the arena in which battle is joined, yet he does have a duty to ensure that justice is done and, if he thinks that justice requires him to put questions, then he has the right and the duty to intervene.”**

U f’**Archbold, Criminal Pleading, Evidence and Practice, 2006** (para. 7-81, pagna 1047), naqraw:

**“Interventions by the judge during a trial will lead to the quashing of a conviction: (a) when they have invited the jury to disbelieve the evidence for the defence in such strong terms that the mischief cannot be cured by the common formula in the summing up that the facts are for the jury, and that they may disregard anything said on the facts by the judge with which they do not agree; (b) when they have made it impossible for defending counsel to do his duty; (c) when they have effectively prevented the defendant or a witness for the defence from telling his story in his own way: *R. v. Hulusi and Purvis*, 58 Cr.App.R. 378, CA; see also *R. v. Frixou* [1988] Crim.L.R. 352, CA, and *R. v. Roncoli* [1998] Crim.L.R. 584, CA.… In *R. v. Matthews and Matthews*, 78 Cr.App.R. 23, the Court of Appeal said that in considering the effect of interventions made by the trial judge the critical aspect of the investigation was the quality of the interventions as they related to the attitude of the judge as might be observed by the jury and the effect that the interventions had either on the orderly, proper and lucid deployment of the defendant's case**

**by his advocate or on the efficiency of the attack to be made on the defendant's behalf on vital prosecution witnesses by cross-examination administered by his advocate on his behalf. Ultimately the question was: might the case for the defendant as presented to the jury over the trial as a whole, including the adducing and testing of evidence, the submissions of counsel and the summing up of the judge, be such that the jury's verdict might be unsafe?"**

Din il-Qorti taqbel mal-principji li jemergu minn dawn il-brani, taqbel li l-Imhallef li jippresjedi guri m'ghandux ikun **"a sphinx judge"** u inoltre fil-fehma taghha, l-ebda wahda mis-sitwazzjonijiet imsemmija fil-bran citat mill-Archbold ma temergi f'dan il-kaz. L-Imhallef li ppresjeda l-guri fl-indirizz tieghu sahansitra widdeb lill-gurati biex ma jhallux l-atteggjament li seta' ha b'certi domandi lil xi xhud jinfluwenzahom, *"ghax kulhadd ghandu l-istil tieghu kif jaghmel id-domandi"*.[10]

Konsegwentement anke t-tieni ilment huwa respint.

Din il-Qorti sejra issa tghaddi biex tikkunsidra l-ewwel aggravju ta' l-appellant, cioe` li l-gurati ma setghux ragjonevolment isibu htija kontra tieghu. Hawn qeghdin fil-kamp ta' l-apprezzament tal-provi u din il-Qorti, in ezekuzzjoni tal-funzjoni taghha bhala Qorti ta' revizjoni, ezaminat dettaljatament l-atti processwali, inkluzi d-deposizzjonijiet tax-xhieda, id-dokumenti esibiti u l-indirizz ta' l-Imhallef li ppresjeda l-guri, u dan biex tara jekk a bazi tal-provi li kien hemm f'dawn il-proceduri, il-gurati, ben indirizzati mill-Imhallef, setghux legalment u ragjonevolment jaslu ghall-konkluzjoni li fil-fatt waslu ghaliha dwar il-htija ta' l-appellant fir-rigward ta' l-akkuzi migjuba kontra tieghu fl-att ta' akkuza skond il-verdett minnhom moghti. Anke jekk mill-apprezzament tal-provi li taghmel din il-Qorti – u dan ghall-grazzja ta' l-argument biss u xejn iktar – hi tasal ghal xi konkluzjoni diversa minn dik milhuqa mill-gurati, hi ma tiddisturbax dik id-diskrezzjoni ezercitata mill-gurati fl-apprezzament tal-provi

[10] Pagna 38 tat-traskrizzjoni ta' l-indirizz.

u tirrimpjazzaha b’taghha kemm-il darba jkun evidenti ghaliha li l-gurati ma kinux ghamlu apprezzament manifestament hazin tal-provi, u setghu, ghalhekk, legalment u ragjonevolment jaslu ghall-konkluzjoni li jkunu waslu ghaliha in bazi tal-provi li kellhom quddiemhom. Effettivament, kif dejjem inghad, din il-Qorti ma tinvadix it-territorju li l-ligi tirrizerva ghall-gurati hlief meta l-verdett minnhom milhuq ikun manifestament zbaljat fis-sens li ebda gurija ma setghet legalment jew ragjonevolment tasal ghalih. Jigifieri jrid ikun in kontradizzjoni manifesta ghal dak kollu li jirrizulta mill-process b’mod illi ma hemmx mod iehor hlief li l-verdett milhuq jigi eskluz bhala infondat[11].

F'**Blackstone's Criminal Practice 2004** naqraw ukoll (para. D23.17 pagna 1668):

**“The case of *Cooper* [1969] 1 QB 267 continues to provide guidance on how the word ‘unsafe’ should be interpreted in determining a criminal appeal. In that case, Lord Widgery CJ explained that if the overall feel of a case left the court with a ‘lurking doubt’ as to whether an injustice may have been done, then a conviction will be quashed, notwithstanding that the trial was error-free. Lord Widgery said (at p. 271 C-G):**

**‘[This is] a case in which every issue was before the jury and in which the jury was properly instructed, and, accordingly, a case in which this court will be very reluctant indeed to intervene. It has been said over and over again throughout the years that this**

---

11 Ara, fost ohrajn, l-Appelli Kriminali Superjuri: **Ir-Repubblika ta' Malta v. Etienne Carter**, 14 ta' Dicembru 2004 **Ir-Repubblika ta' Malta v. Domenic Briffa**, 16 ta' Ottubru 2003; **Ir-Repubblika ta' Malta v. Godfrey Lopez** u **r-Repubblika ta' Malta v. Eleno sive Lino Bezzina** 24 ta' April 2003, **Ir-Repubblika ta' Malta v. Lawrence Asciak sive Axiak** 23 ta' Jannar 2003, **Ir-Repubblika ta' Malta v. Mustafa Ali Larbed**, 5 ta' Lulju 2002; **Ir-Repubblika ta' Malta v. Thomas sive Tommy Baldacchino**, 7 ta' Marzu 2000, **Ir-Repubblika ta' Malta vs. Ivan Gatt**, 1 ta' Dicembru 1994; u **Ir-Repubblika ta' Malta vs George Azzopardi**, 14 ta' Frar 1989; u l-Appelli Kriminali Inferjuri: **Il-Pulizija vs Andrew George Stone**, 12 ta' Mejju 2004, **Il-Pulizija vs Anthony Bartolo**, 6 ta' Mejju 2004; **Il-Pulizija vs Maurice Saliba**, 30 ta' April 2004; **Il-Pulizija vs Saviour Cutajar**, 30 ta' Marzu 2004; **Il-Pulizija vs Seifeddine Mohamed Marshan et**, 21 ta' Ottubru 1996; **Il-Pulizija vs Raymond Psaila et**, 12 ta' Mejju 1994; **Il-Pulizija vs Simon Paris**, 15 ta' Lulju 1996; **Il-Pulizija vs Carmel sive Chalmer Pace**, 31 ta' Mejju 1991; **Il-Pulizija vs Anthony Zammit**, 31 ta' Mejju 1991.

**court must recognise the advantage which a jury has in seeing and hearing the witnesses, and if all the material was before the jury and the summing-up was impeccable, this court should not lightly interfere. Indeed, until the passing of the Criminal Appeal Act 1966 [which somewhat widened the court's powers to quash a conviction] it was almost unheard of for this court to interfere in such a case.**

**'However, now our powers are somewhat different, and we are indeed charged to allow an appeal against conviction if we think that the verdict of the jury should be set aside on the ground that under all the circumstances of the case it is unsafe or unsatisfactory. That means that in cases of this kind the court must in the end ask itself a subjective question, whether we are content to let the matter stand as it is, or whether there is not some lurking doubt in our minds which makes us wonder whether an injustice has been done. This is a reaction which may not be based strictly on the evidence as such; it is a reaction which can be produced by the general feel of the case as the court experiences it.'"**

Fis-sentenza moghtija mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali fl-ismijiet **Ir-Repubblika ta' Malta vs Ivan Gatt** fl-1 ta' Dicembru 1994, intqal hekk:

**"Fi kliem iehor, l-ezercizzju ta' din il-Qorti fil-kaz prezenti u f'kull kaz iehor fejn l-appell ikun bazat fuq apprezzament tal-provi, huwa li tezamina l-provi dedotti f'dan il-kaz, tara jekk, anki jekk kien hemm versjonijiet kontradittorji - kif normalment ikun hemm - xi wahda minnhom setghetx liberament u serenament tigi emmnuta minghajr ma jigi vjolat il-principju li d-dubju ghandu jmur favur l-akkuzat, u jekk tali versjoni setghet tigi emmnuta w evidentement giet emmnuta, il-funzjoni, anzi d-dover ta' din il-Qorti huwa li tirrispetta dik id-diskrezzjoni u dak l-apprezzament."**

Is-sottomissjonijiet ta' l-appellant jirrigwardaw l-ewwel zewg kapi ta' l-att ta' akkuza. Dwar l-ewwel kap ingabu provi mill-prosekuzzjoni li jirrigwardaw traffikar tad-droga kokaina fil-25 ta' Awissu 2000 u fis-sena 1997. Dwar il-25 ta' Awissu 2000 hemm ix-xiehda ta' Imel Aboushi u ta' Veronique Bartolo. L-appellant jghid li Aboushi tinsab kontradetta minn Bartolo, li x-xiehda ta' Aboushi mhix verosimili, li ghalkemm Bartolo wriet id-disponibilita` taghha li jsiru t-testijiet necessarji fuqha biex jigi determinat jekk kinitx uzat droga dawn ma sarux, li l-oggetti qishom pipi kienu msakkrin gewwa l-*luggage booth* tal-karozza ta' l-appellant u ghalhekk ma kienx possibbli li jsir ix-*sharing* li allegat Aboushi, li Aboushi ma gharfitx il-pipa li suppost intuzat u minn dak li xehed l-Ispizjar Mifsud ma jista' qatt ikun li Aboushi pejpet il-kokaina permezz tal-pipa kif spjegat. Inoltre, skond kif spjega l-Ispizjar Mifsud, l-ammont ta' droga misjub huwa aktar kompatibbli ma' l-abbuz tad-droga milli ma' l-ispaccjar. L-appellant jghid ukoll li l-fatt li nstab ammont ta' flus fuqu jindika li se mai kien se jixtri hu, u effettivament ommu Grace Barbara xehdet illi ftit granet wara l-arrest ta' binha, intebhet li kienu gew neqsin madwar Lm700 li kienet hbiet fil-gwardarobba.

Din il-Qorti ezaminat ix-xiehda li tat Veronique Bartolo quddiem il-Qorti tal-Magistrati waqt il-kumpilazzjoni – peress illi ma xehditx waqt il-guri u minflok inqrat din id-deposizzjoni – u, filwaqt illi huwa minnu illi hija cahdet li xi hadd abbuza mid-droga fil-karozza fejn kienet ma' l-appellant u Imel Aboushi, ix-xiehda taghha b'mod generali hija pjuttost evaziva. Mill-banda l-ohra Aboushi xehdet *viva voce* u ghalhekk il-gurati kellhom l-opportunita` li jevalwaw ix-xiehda taghha skond kif jiddisponi l-artikolu 637 tal-Kodici Kriminali. Hija stqarret bla tlaqliq li fil-gurnata in kwistjoni (il-25 ta' Awissu 2000) hadet *"puff"* ta' kokaina minn pipa. Hija qalet illi *"he* [b'referenza ghall-appellant] *took a puff, passed it to Veronique, she took a puff, gave it to me and I took a puff. I gave it back to him"*. Hija kkonfermat ukoll dak li kienet xehdet fl-Istruttorja li *"he took out like a pipe and he passed it to Veronique and then to me and we had the drug"*. Jigifieri din ix-xhud baqghet konsistenti. Inoltre huwa inverosimili li tivvinta

storja dwar abbuz ta’ droga biex hi stess tghaddi minn proceduri gudizzjarji.

Huwa minnu illi meta Aboushi xehdet, hija ma gharfitx minn fost l-esebiti l-pipa li qalet li minnha hadet *“puff”*. Pero` stqarret illi *“at the time Inspector Harrison had it on his desk”* u dak kollu li gie elevat mill-Pulizija mill-pussess ta’ l-appellant gie esebit f’dawn il-proceduri. L-appellant imbaghad jislet mill-ispjegazzjonijiet dettaljati li ta l-Ispizjar Mario Mifsud dwar il-metodi li normalment jintuzaw ghall-abbuz tal-kokaina biex jipprova jxejjen il-kredibilita` ta’ Aboushi. Izda l-Ispizjar Mifsud ma eskludiex li ntuzat il-pipa (ossia kif iddeskriviha fir-relazzjoni tieghu, *“tubu tal-plastik li parti minnu kienet miksija permezz ta’ bicca foil li kienet imtaqqba b’toqob zghar”*). Difatti fl-imsemmija pipa, jew tubu, huwa sab tracci ta’ kokaina. U l-istess Spizjar Mifsud stqarr illi hemm metodi varji kif tittiehed il-kokaina u li *“fejn jidhlu d-drogi m’hemmx linja wahda”*.

L-appellant jghid li ma kienx possibbli li sar ix-*sharing* kif qalet Aboushi peress illi l-pipi kienu msakkrin fil-*luggage booth* tal-karozza. Izda mill-provi ma jirrizultax li meta marru l-Pulizija fuq l-appellant, Bartolo u Aboushi l-*luggage booth* kien imsakkar. Anzi jirrizulta li kien miftuh u kien qieghed inizzel xi kaxxi tal-luminata u affarijiet ta’ l-ikel[12].

L-appellant jghid li l-ammont ta’ kokaina li nstab huwa kompatibbli ma’ ammont ghall-uzu personali, kif stqarr l-Ispizjar Mifsud. L-Ispizjar Mifsud ma kienx a konoxxenza tac-cirkostanzi li fihom nstabet il-kokaina u l-anqas tad-deposizzjoni ta’ Imel Aboushi. Zgur kien hemm bizzejjed kokaina biex jiehdu *“puff”* kull wiehed.

Fl-ahharnett, dwar l-osservazzjoni ta’ l-appellant li l-ammont ta’ flus li kellu fuqu *“fl-aghar ipotezi ma jfisser assolutament xejn u fl-ahjar ipotezi, fic-cirkostanzi tal-kaz, jindika li se mai kien se jixtri hu”*, din il-Qorti tosserva biss li s-sejbien ta’ dak l-ammont mhix xi prova cirkostanzjali univoka. Ciononostante, a bazi ta’ dak li ntqal

[12] Ara xiehda ta’ P.S. 1013 Raymond Debono

precedentement, il-gurati setghu ragjonevolment jaslu ghall-konkluzjoni li fil-25 ta’ Awissu 2000 l-appellant forna lil Imel Aboushi bid-droga kokaina meta hija hadet *“puff”* mill-pipa li nstabet fil-karozza tieghu.

Dwar l-1997, ix-xhud principali huwa Lawrence Micallef. L-appellant jattakka l-kredibilita` ta’ dan Micallef. Jghid illi meta Micallef gie arrestat, ma semmiex il-koinvolgiment ta’ l-appellant u ghazel li jsemmi lill-appellant waqt il-kumpilazzjoni tieghu (ta’ Micallef) fejn gie akkuzat dwar traffikar tad-droga kokaina. Talli semma’ lill-appellant, Micallef ibbenefika mill-artikolu 29 tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta’ Malta. Ghalhekk kellu interess li jiddeponi kontra l-appellant. L-appellant ikompli jghid illi Micallef kien hafna iktar minn semplici *user*. Anzi kellu organizzazzjoni shiha b’mill-anqas zewg *runners*, David Bonnici u Joswel Galea. Meta Bonnici naqas milli jhallsu ghad-droga li kien fornielu, heddu u hadlu s-sett tat-televizjoni. Bonnici talab l-intervent tal-Pulizija u wiehed minnhom mar armat. Micallef ma spiccax vittma tad-droga minhabba l-appellant peress illi xehed illi huwa kien jabbuza mill-cannabis regolarment meta kien imsiefer. Ix-xiehda ta’ Micallef, isostni l-appellant, mhix verosimili u hi kontradetta minn provi ohra, bhal dwar x’karozza kien isuq. Ix-xiehda tieghu mhix konsistenti, bhal dwar kemm kien jikkonsma kokaina kuljum. Li Micallef ma kienx *junky* jirrizulta mill-*lifestyle* tieghu: il-karozzi li kellu (Porsche, Mercedes, BMW) u l-fatt li kellu *take-away* f’Paceville. Micallef jghid li kien icempel lill-appellant gewwa kazin fl-Imqabba izda ma ftakarx kienx kazin tal-banda jew tal-politika – din ix-xiehda hi pjuttost konvenjenti ghax kieku xehed li kien icempel lill-appellant id-dar jew fuq il-mobile, dawn kienu jirrizultaw mir-ricerka li ghamel Dr. Vincent Galea; il-Pulizija pero` ma ghamlitx indagni biex tivverifika jekk sarux telefonati minn dan Micallef lill-Kazin. Skond l-appellant imbaghad, l-unika konnessjoni li seta’ kellu ma’ Micallef kienet it-transazzjoni dwar il-BMW u mill-mod kif xehed Micallef, mill-komputazzjonijiet matematici li jridu jsiru u mix-xiehda ta’ Carmelo Pace (il-*car dealer*) kellu jirrizulta car illi qatt ma sar tpartit bejn karozza u drogi. L-appellant jirreferi wkoll ghal dak li xehed Micallef quddiem il-Qorti tal-Magistrati li kien mar id-dar ta’ l-appellant bosta

drabi; meta waqt il-guri gie mitlub jiddeskrivi x’fiha d-dar qal li meta kien imur kien jistennih barra: il-kondotta tax-xhud tindika certu hazen ghax kull darba li jigi kkonfrontat minn fatti u provi li jirridikolaw id-deposizzjoni tieghu, dan dejjem jaghraf johrog b’xi spjegazzjoni gdida. Fl-ahharnett jirreferi ghax-xiehda ta’ ommu dwar kif harbat hajtu, dwar kif tabilhaqq spicca *junky* u kif kienet hallsitlu l-ispejjez tal-BMW.

Kif diga` ntqal aktar qabel f’din is-sentenza, ix-xiehda ta’ Lawrence Micallef ma tehtiegx korroborazzjoni izda x-xiehda tieghu kellha tigi miflija sew mill-gurati. Fil-kaz ta’ dan ix-xhud il-gurati kellhom ukoll l-opportunita` jarawh u jisimghuh. Kellhom l-opportunita` iqisu “l-imgieba, il-kondotta u l-karattru” tieghu, u jevalwaw “jekk ix-xiehda ghandhiex mis-sewwa jew hix konsistenti, u ta' fattizzi ohra tax-xiehda tieghu, u jekk ix-xiehda hix imsahha minn xiehda ohra, u tac-cirkostanzi kollha tal-kaz” (artikolu 637 tal-Kap. 9).

Issa, huwa minnu illi Lawrence Micallef ma semmiex lill-appellant mill-ewwel meta gie arrestat izda fl-esperjenza ta’ din il-Qorti hija haga normalissima li l-persuna li tkun qed takkwista d-droga tkun reticenti meta tigi biex issemmi s-*supplier* taghha. Gieli anke meta persuna tkun daharha mal-hajt ma tikxifx is-*supplier*, u dan ghal bosta ragunijiet. U kien ghalhekk li l-legislatur proprju ghogbu jinserixxi fil-Kap. 101 tal-Ligijiet ta’ Malta l-artikolu 29 li minnu persuna li tikxef is-*supplier* tkun tista’ tibbenefika minn tnaqqis fil-piena. Minn ezami akkurat li din il-Qorti ghamlet tax-xiehda ta’ Lawrence Micallef, minn imkien ma jirrizulta li dan indika lill-appellant ghal xi raguni vendikattiva jew raguni ohra illecita. L-appellant jipprova jpingi lil Micallef bhala bniedem aggressiv minhabba l-incident li kellu ma’ David Bonnici. Dan jista’ jkun minnu izda m’hemm l-ebda hjiel li kien jagixxi bl-istess mod ma’ l-appellant. Jghid li Micallef qal li l-appellant *“kien dejjem isuq karozza tal-marka Datsun jew karozza tal-marka Morris”* filwaqt illi mir-relazzjoni ta’ Dr. Vincent Galea rrizulta li l-appellant kellu fuq ismu Simca u BMW. L-ewwelnett mix-xiehda ta’ Lawrence Micallef jirrizulta li dan ma qalx li l-appellant kien *“dejjem”* isuq Datsun jew Morris

izda li *"gieli"* mar b' Datsun u *"gieli"* b'van Morris. Dan ma jfissirx li kien qieghed jigdeb. Wara kollox meta l-appellant gie arrestat fil-25 ta' Awissu 2000 kien qieghed isuq karozza Golf. U l-BMW kienet l-istess karozza li Lawrence Micallef kien akkwista minghand Mosta Auto Dealer Co. Ltd. fit-2 ta' April 1997 u li mbaghad ghadda f'isem l-appellant fil-31 ta' Ottubru 1997.

Huwa minnu li hemm xi inkonsistenzi. Bhal per ezempju li meta xehed fil-proceduri li ttiehdu kontra tieghu jidher li qal li kien jiehu xi ghaxar grammi kuljum kokaina filwaqt illi meta xehed waqt il-guri ta' l-appellant qal li jikkalkula li kien irid bejn ghaxra u ghoxrin gramma fil-gimgha. B'daqshekk ma jfissirx li ma kienx jabbuza mill-kokaina. Difatti jammetti li dik li kien jixtri kien*"jikkattjaha"* b'tali mod li jkollu nofs ghall-uzu tieghu u n-nofs l-iehor biex ibieghha u anke jaghmel gwadann. Il-fatt li ghal xi zmien kellu Porsche, Mercedes u BMW u li kien qed jiggestixxi *take-away* ma jfissirx li kien xi baruni. Difatti jidher li malajr tajjar kull ma kellu, bil-BMW sahansitra jittrasferiha lill-appellant. Inoltre m'hemm assolutament xejn insolitu li jcempel lill-appellant f'kazin politiku biex jaghmel kuntatt mieghu. L-appellant jghid li din tal-kazin kienet xiehda pjuttost konvenjenti. Forsi kienet aktar ta' konvenjenza ghall-appellant sabiex ma jigux rintraccati *calls* id-dar tieghu jew fuq mobile.

L-appellant jaghmel enfasi kbira fuq il-kwistjoni tat-trasferiment tal-BMW u jsostni li qatt ma sehh tpartit bejn il-karozza u drogi. Skond l-appellant, peress illi kien ghad baqa' dejn ta' Lm4,650 fuq il-karozza, jekk kif qal Micallef l-appellant tah Lm300 kontanti u Lm1050 valur ta' droga, l-appellant gie tah wisq aktar mill-valur tal-karozza. L-appellant jirreferi ghax-xiehda ta' l-*auto-dealer* Charles Pace f'dar-rigward. Issa fix-xiehda tieghu Charles Pace jaghti zewg verzjonijiet. Ghal mistoqsija tad-difiza jekk fil-kuntratt ma' Lawrence Micallef hemmx imnizzel il-prezz, Pace iwiegeb: *"No il-bilanc ghandi."* U ghall-mistoqsija tad-difiza kemm huwa l-bilanc, iwiegeb: *"Lm5,000."* Sussegwentement jigi mistoqsi mid-difiza: *"U l-prezz kemm kien jekk joghgbok li xtraha minghandek?"* Ix-xhud iwiegeb: *"Lm5,000."* Harsa lejn id-dokument MAD1 a fol.

88 ta’ l-atti tal-Qorti Kriminali turi li fil-kuntratt ta’ *hire-purchase* li sar bejn Pace u Micallef ma tnizzilx il-prezz miftiehem u li baqa’ *“balance of Lm5,000”*. Issa, meta Micallef gie mistoqsi kemm kien ghad baqa’ dejn fuq il-karozza meta ttrasferiha lill-appellant huwa ma wegibx tassattivament, kif jaghti l-impressjoni l-appellant, li kien ghad baqa’ Lm3,000 izda jghid li kienu marru flimkien, iccekkjaw id-dejn li kien hemm u rrangaw wara li ccekkjaw kemm kien hemm dejn. Kien ghal domandi sussegwenti li semma’ c-cifra ta’ Lm3,000 *“forsi, imma m’inhix cert, toqghodx fuqi”*. Fil-fehma ta’ din il-Qorti ghalhekk, il-gurati setghu ragjonevolment ikkonkludew li verament kien hemm it-tpartit allegat minn Micallef peress illi galadarba fil-kuntratt ta’ *hire-purchase* kien hemm imnizzel *“balance of Lm5,000”* dan kien ifisser li kienet thallset xi somma ulterjuri minn Micallef lil Pace ghall-imsemmija karozza. Mill-banda l-ohra setghu wkoll ragjonevolment jikkonkludu li Micallef seta’ ghamel xi forma ta’ gwadann minn din it-transazzjoni.

Dwar jekk Micallef qattx dahal gewwa d-dar ta’ l-appellant u, jekk dahal, kemm-il darba seta’ dahal, dan hu biss *much ado about nothing*.

Ix-xiehda ta’ Grace Barbara hi xiehda ta’ omm mugugha. Sfortunatament l-appellant ma gharafx dik it-tbatija li kien qieghed jimponi fuqha u fuq il-familja tieghu u issa jrid iwiegeb ta’ ghemilu. Fil-fatt din il-Qorti hi sodisfatta li l-gurati setghu ragjonevolment jikkonkludu li l-appellant kien ibiegh id-droga kokaina lil Lawrence Micallef u dan f’diversi okkazjonijiet.

Dwar it-tieni Kap. l-appellant jirreferi ghal dak li qal fir-rigward ta’ l-ewwel kap in kwantu jirrigwarda Lawrence Micallef. Dwar il-25 ta’ Awissu 2000 jirreferi ghall-indirizz ta’ l-Imhallef li ppresjeda l-guri fejn qal li x-xiehda ta’ Aboushi wahedha ma kinitx sufficjenti u kienet tehtieg korroborazzjoni. Skond l-appellant, il-provi dokumentarji li nstabu gew dikjarati b’mod indirett bhala mhux sufficjenti mill-gurati meta unanimament lliberawh mit-tielet Kap. ta’ l-att ta’ akkuza.

Stante li din il-Qorti sejra tikkonferma s-sejbien ta’ htija ta’ l-appellant dwar l-ewwel Kap. ta’ l-att ta’ akkuza, huwa evidenti li ghal dak li jirrigwarda l-kokaina li huwa kien iforni lil Lawrence Micallef, huwa kellu necessarjament il-pussess ta’ tali droga f’cirkostanzi li juru li ma kenitx ghall-uzu esklussiv tieghu. Kwantu ghall-pussess ta’ kokaina fil-25 ta’ Awissu 2000, hawn ghandna mhux biss ix-xiehda ta’ Imel Aboushi izda wkoll ghandna x-xiehda taghha korroborata mis-sejbien tal-pipa fil-karozza ta’ l-appellant u li fiha kien hemm tracci ta’ kokaina, u dan apparti borza tal-plastik elevata minn fuq il-persuna ta’ l-appellant li kien fiha 2.972 g. ta’ kokaina.

Konsegwentement it-tieni aggravju ta’ l-appellant huwa michud.

L-ahhar aggravju ta’ l-appellant jirrigwarda l-piena li jqis bhala wahda eccessiva.

L-appellant jghid li l-ewwel Qorti rreferiet ghas-sentenza **Ir-Repubblika ta’ Malta v. Godfrey Ellul** (moghtija minn din il-Qorti fis-17 ta’ Marzu 2005) fejn fuq reati simili kienet bidlet il-piena billi rriducietha ghal disa’ snin prigunerija. F’dak il-kaz pero`, l-imsemmi Godfrey Ellul kien instab hati ta’ assocjazzjoni ghall-fini ta’ traffikar ta’ droga, ta’ pussess aggravat tad-droga eroina u ta’ pussess semplici tad-droga kokaina. Din il-Qorti kienet illiberatu mill-akkuza ta’ assocjazzjoni u sabet li fir-rigward taz-zewg akkuzi l-ohra l-ammont ta’ droga involuta ma kinitx sostanzjali. F’dan il-kaz l-appellant gie akkuzat bi traffikar u din il-Qorti qed tikkonferma s-sejbien ta’ htija fir-rigward. Barra minn hekk it-traffikar sar fuq perijodu ta’ zmien u kien f’ammonti mhux insinjifikanti.

L-appellant jilmenta wkoll mill-fatt li l-ewwel Qorti kkunsidrat ir-recidiva nonostante li huwa kien tossikodipendenti. It-tossikodipendenza mhuwiex fattur li jista’ jitqies bhala xi beneficcju ghall-mitigazzjoni tal-piena. Barra minn hekk l-appellant ma nstabx hati biss ta’ pussess semplici izda anke ta’ traffikar. Ghalhekk l-ewwel Qorti uzat sew id-diskrezzjoni taghha skond l-artikolu 50 tal-Kodici Kriminali.

L-appellant izid jghid li ma kien hemm l-ebda proporzjon bejn il-piena nflitta fuqu u dik inflitta fuq Lawrence Micallef li gie kkundannat biss ftit xhur. Tali lment diga` gie ttrattat fis-sentenza precitata **Ir-Repubblika ta' Malta v. Godfrey Ellul** u huwa f'dan ir-rigward li l-ewwel Qorti ghamlet referenza ghal dik is-sentenza. Inoltre, minbarra l-fatt li s-sentenza fil-konfront ta' Lawrence Micallef inghatat mill-Qorti tal-Magistrati, l-imsemmi Lawrence Micallef ibbenefika mill-artikolu 29 tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta li permezz tieghu setghet titnaqqaslu l-piena. L-appellant ittanta jaghmel hekk f'dawn il-proceduri quddiem din il-Qorti, kif jirrizulta mix-xiehda li ta s-Supt. Neil Harrison fl-14 ta' Marzu 2007. Mill-istess xiehda pero` jirrizulta li l-informazzjoni li ta lill-Pulizija sabiex tinqabad il-persuna li fornietu b'droga kien jirrigwarda s-sena 2003 u ma ta l-ebda informazzjoni dwar min kien ifornieh bi droga matul il-perijodu mertu ta' dan il-kaz.

Dwar il-kwistjoni ta' proporzjonalita` bejn il-pieni, jistghu jinstiltu certi linji ta' gwida minn decizjonijiet tal-Qrati Inglizi. F' **Blackstone's Criminal Practice, 2004** (para. D23.49 a fol. 1697) jinghad:

"A marked difference in the sentences given to joint offenders is sometimes used as a ground of appeal by the offender receiving the heavier sentence. The approach of the Court of Appeal to such appeals has not been entirely consistent. The dominant line of authority is represented by *Stroud* (1977) 65 Cr App R 150. In his judgment in that case, Scarman LJ stated that disparity can never in itself be a sufficient ground of appeal - the question for the Court of Appeal is simply whether the sentence received by the appellant was wrong in principle or manifestly excessive. If it was not, the appeal should be dismissed, even though a co-offender was, in the Court of Appeal's view, treated with undue leniency. To reduce the heavier sentence would simply result in two rather than one, over-lenient penalties. As his lordship put it, 'The appellant's proposition is that where you have one wrong sentence and one right sentence, this court should produce two wrong sentences. That is a submission which this court

cannot accept'. Other similar decisions include *Brown* [1975] Crim LR 177, *Hair* [1978] Crim LR 698 and *Weekes* (1980) 74 Cr App R 161…. However, despite the above line of authority, cases continue to occur in which the Court of Appeal seems to regard disparity as at least a factor in whether or not to allow an appeal (see, for example, *Wood* (1983) 5 Cr App R (S) 381). The true position may be that, if the appealed sentence was clearly in the right band, disparity with a co-offender's sentence will be disregarded and any appeal dismissed, but where a sentence was, on any view, somewhat severe, the fact that a co-offender was more leniently dealt with may tip the scales and result in a reduction.

"Most cases of disparity arise out of co-offenders being sentenced by different judges on different occasions. Where, however, co-offenders are dealt with together by the same judge, the court may be more willing to allow an appeal on the basis of disparity. The question then is whether the offender sentenced more heavily has been left with 'an understandable and burning sense of grievance' (*Dickinson* [1977] Crim LR 303). If he has, the Court of Appeal will at least consider reducing his sentence. Even so, the prime question remains one of whether the appealed sentence was in itself too severe. Thus, in *Nooy* (1982) 4 Cr App R (S) 308, appeals against terms
of 18 months and nine months imposed on N and S at the same time as their almost equally culpable co-offenders received three months were dismissed. Lawton LJ said:

**'There is authority for saying that if a disparity of sentence is such that appellants have a grievance, that is a factor to be taken into account. Undoubtedly, it is a factor to be taken into account, but the important factor for the court to consider is whether the sentences which were in fact passed were the right sentences.'"**

Archbold, f'**Criminal Pleading, Evidence and Practice, 2006** (para. 5-106, p. 588) jikkummenta hekk:

“Where an offender has received a sentence which is not open to criticism when considered in isolation, but which is significantly more severe than has been imposed on his accomplice, and there is no reason for the differentiation, the Court of Appeal may reduce the sentence, but only if the disparity is serious. The current formulation of the test has been stated in the form of the question: ‘would right-thinking members of the public, with full knowledge of the relevant facts and circumstances, learning of this sentence consider that something had gone wrong with the administration of justice?’ (per Lawton L.J. in *R. v. Fawcett*, 5 Cr. App.R.(S) 158 C.A.). The court will not make comparisons with sentences passed in the Crown Courts in cases unconnected with that of the appellant (see *R. v. Large*, 3 Cr.App.R.(S) 80, C.A.). There is some authority for the view that disparity will be entertained as a ground of appeal only in relation to sentences passed on different offenders on the same occasion: see *R.v. Stroud*, 65 Cr. App.R. 150, C.A. It appears to have been ignored in more recent decisions, such as *R. v. Wood,* 5 Cr.App.R.(S) 381. C.A., *Fawcett*, ante, and *Broadbridge*, ante. The present position seems to be that the court will entertain submissions based on disparity of sentence between offenders involved in the same case, irrespective of whether they were sentenced on the same occasion or by the same judge, so long as the test stated in *Fawcett* is satisfied.”

Din il-Qorti taqbel ma dawn il-linji gwida u tistqarr bla tlaqliq li mhuwiex accettabbli ghaliha li biex tirriduci sentenza wahda tohloq sitwazzjoni fejn ikun hemm *“two, rather than one, over-lenient penalties”*.

L-appellant jissottometti illi l-Imhallef li ppresjeda l-guri fl-indirizz tieghu injora dak li jipprovdi l-artikolu 484 tal-Kodici Kriminali u ma spjegalhomx li huma ghandhom dritt jitolbu klemenza fil-konfront tal-hati. Il-ligi ma timponi l-ebda obbligu fuq l-Imhallef li jippresjedi l-guri li jattira l-attenzjoni tal-gurati ghall-imsemmi artikolu 484. Wara kollox xejn ma kien josta li d-difiza stess tattira l-attenzjoni tal-gurati ghall-imsemmi artikolu bhala wiehed mis-sottomissjonijiet sussidjarji taghha.

Saru wkoll xi sottomissjonijiet dwar l-element ta’ *sharing* u d-difiza rriteniet illi ghandu jkun hemm tnaqqis fil-piena minhabba f’hekk. Li kieku l-akkuza ta’ traffikar kienet limitata ghall-okkazjoni tal-25 ta’ Awissu 2000 l-appellant seta’ kellu ragun, ghalkemm irid jinghad ukoll illi l-ewwel *proviso* tas-subartikolu (9) ta’ l-artikolu 22 tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta’ Malta jhalliha fid-diskrezzjoni tal-Qorti jekk tapplikax jew le l-artikoli 21 u 28A tal-Kodici Kriminali u d-disposizzjonijiet ta’ l-Att dwar il-*Probation*. Izda f’dan il-kaz hemm involut ukoll perijodu iehor, u cioe` dak li fih l-appellant kien iforni d-droga kokaina lil Lawrence Micallef. Ghalhekk din il-Qorti ma tqisx li l-fattur imsemmi ghandu b’xi mod jinfluwenza fuq il-kwantum tal-piena.

L-appellant jilmenta wkoll li l-ewwel Qorti ma haditx in konsiderazzjoni bizzejjed li huwa kien ta’ eta` relattivament zghira meta gew kommessi d-delitti in kwistjoni, li l-fedina penali tieghu hi wahda tajba, li huh huwa marid mentalment u ghalhekk huwa l-uniku wens u ghajnuna ghall-genituri anzjani tieghu u li huwa stess huwa vittma ta’ l-abbuz tad-droga.

Issa, ghalkemm is-sitwazzjoni familjari ta’ l-appellant ftit li xejn hi ta’ rilevanza f’dan il-kaz, l-eta` ta’ l-appellant, ghalkemm ittiehdet in konsiderazzjoni mill-Qorti Kriminali, ma jidhirx li ttiehdet in konsiderazzjoni bizzejjed. Ir-reati li taghhom l-appellant instab hati – bl-element tal-kontinwat u tar-recidiva – huma certament reati gravi. Min-naha l-ohra l-ammont ta’ droga involut, anke fuq medda ta’ zmien, ghalkemm mhux insinjifikanti, ma jidholx fl-oghla livelli ghal dik li hi kwantita`. Il-Qorti trid, fid-dawl ta’ l-eta` ta’ l-appellant, tqis ukoll l-element riformattiv tal-piena. Meta Qorti tikkundanna lil xi hadd ghal piena karcerarja, anke jekk tkun ghal perijodu twil, hija taghmel hekk, fost skopijiet ohra, bit-tama ukoll li dak il-perijodu ta’ inkarcerazzjoni iservi biex il-hati ibiddel ir-rotta li jkun qabad – f’termini popolari, “jirriabilita ruhu”. Tali riabilitazzjoni tista’, pero`, u skond ic-cirkostanzi tal-kaz, tigi vanifikata jekk il-perijodu ta’ inkarcerazzjoni ikun twil wisq. Biex ma tigix fra intiz, il-Qorti mhix qed tghid li m’ghandux ikun hemm jew m’ghandhomx jinghataw pieni

twal ta' prigunerija (inkluza prigunerija ghall-ghomor) f'dawk il-kazijiet li, minhabba c-cirkostanzi partikolari taghhom, inkluza l-gravita` tar-reat, ikunu hekk jimmeritaw. Fil-kaz in dizamina, pero`, ghandna persuna relattivament zghira fl-eta` - meta gie ssentenzjat mill-ewwel Qorti kellu 28 sena – li kien ukoll tossikodipendenti f'parti kbira mill-perijodu meta huwa wettaq ir-reati li taghhom instab hati. Fic-cirkostanzi partikolari ta' dan il-kaz, ghalhekk, din il-Qorti hi tal-fehma li l-iskop korrettiv tal-piena kellu jinghata aktar importanza milli effettivament inghata, b'mod ghalhekk li l-piena – dejjem tenut kont tac-cirkostanzi partikolari – kienet ftit *"on the high side"*. Ghalhekk – u ghalhekk biss – ser ikun hemm temperament fil-piena karcerarja.

Ghal dawn il-motivi:

Tiddeciedi billi tirriforma s-sentenza appellata, u ghalhekk tirrevokaha in kwantu kkundannat lill-appellant ghal prigunerija ghal perijodu ta' tmintax-il sena u minflok tikkundannah ghal prigunerija ghal perijodu ta' erbatax-il sena bit-tnaqqis taz-zmien kollu li ghamel taht arrest preventiv in konnessjoni ma' dan il-kaz, u tikkonferma s-sentenza appellata fil-bqija.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------